

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## C 300

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

5 ta' Ottubru 2012

Avviż Nru

Werrej

Paġna

### II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 300/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6554 – EADS/STA/Elbe Flugzeugwerke JV) <sup>(1)</sup> .....	1
2012/C 300/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6698 – Cheung Kong Holdings/Cheung Kong Infrastructure Holdings/Power Assets Holdings/MGN Gas Networks) <sup>(1)</sup> .....	1
2012/C 300/03	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6688 – KKR/Württembergische Metallwaren Fabrik) <sup>(1)</sup> .....	2

### IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 300/04	Rata tal-kambju tal-euro .....	3
---------------	--------------------------------	---

**MT**
**Prezz:  
EUR 3**
<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
2012/C 300/05	Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra .....	4
2012/C 300/06	Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino .....	4

## V Avviżi

### PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 300/07	Sejħa għal-proposti – EACEA/21/12 – MEDIA 2007 – Appoġġ għad-Distribuzzjoni Transnazzjonali ta' Films Ewropej – l-Iskema “Selettiva” 2013 .....	5
2012/C 300/08	Sejħa għall-proposti – EACEA/31/12 – MEDIA 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ – Appoġġ għall-Iżvilupp ta' proġetti ta' produzzjoni – Finzjoni (narrativa), Dokumentarji Kreattivi u Animazzjoni – Proġetti Waħdiena, Slate Funding u t-tieni fażi ta' Slate Funding .....	8
2012/C 300/09	Sejħa għall-proposti – EACEA/32/12 – MEDIA 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ – Appoġġ għall-Iżvilupp ta' xogħolijiet interattivi fuq kull pjattaforma kemm online kif ukoll offline .....	11
2012/C 300/10	Sejħa għal-proposti – EACEA/33/12 – MEDIA 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ – Appoġġ għax-xandir televiżiv tax-xogħolijiet awdjoviziwi Ewropej .....	14

### PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

#### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 300/11	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6710 – CD&R/Wilsonart) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata <sup>(1)</sup> .....	16
2012/C 300/12	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6665 – Sun Capital/Rexam Personal and Home Care Packaging Business) <sup>(1)</sup> .....	17



<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U  
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6554 – EADS/STA/Elbe Flugzeugwerke JV)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 300/01)

Fit-13 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32012M6554. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6698 – Cheung Kong Holdings/Cheung Kong Infrastructure Holdings/Power Assets Holdings/MGN Gas Networks)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 300/02)

Fis-26 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32012M6698. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**  
**(Każ COMP/M.6688 – KKR/Württembergische Metallwaren Fabrik)**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
(2012/C 300/03)

Fl-4 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
  - fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32012M6688. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.
-

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

L-4 ta' Ottubru 2012

(2012/C 300/04)

## 1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2951	AUD	Dollaru Awstraljan	1,2673
JPY	Yen Ġappuniż	101,88	CAD	Dollaru Kanadiż	1,2783
DKK	Krona Daniża	7,4556	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,0432
GBP	Lira Sterlina	0,80395	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5788
SEK	Krona Żvediża	8,6099	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5910
CHF	Frank Żvizzeru	1,2123	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 441,73
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	11,0599
NOK	Krona Norveġiża	7,4285	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,2090
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,4820
CZK	Krona Ċeka	24,957	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 418,81
HUF	Forint Ungeriż	285,61	MYR	Ringgit Malajjan	3,9599
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	53,779
LVL	Lats Latvjan	0,6962	RUB	Rouble Russu	40,2900
PLN	Zloty Pollakk	4,0866	THB	Baht Tajlandiż	39,617
RON	Leu Rumun	4,5480	BRL	Real Brażiljan	2,6179
TRY	Lira Turka	2,3386	MXN	Peso Messikan	16,5643
			INR	Rupi Indjan	67,0020

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra**

(2012/C 300/05)

Fit-23 ta' Frar 2012, il-Prinċipat ta' Andorra nnotifika lill-Unjoni Ewropea li kien lesta l-proċeduri ta' ratifika tiegħu.

Bl-istess mod, fid-29 ta' Frar 2012 l-Unjoni Ewropea nnotifikat lill-Prinċipat ta' Andorra li kienet lestiet il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Monetarju msemmi hawn fuq, iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Ġunju 2011.

Il-Ftehim Monetarju għaldaqstant daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2012 skont l-Artikolu 13 tiegħu.

---

**Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino**

(2012/C 300/06)

Fit-3 ta' Awwissu 2012, ir-Repubblika ta' San Marino nnotifikat lill-Unjoni Ewropea li kienet lestiet il-proċeduri ta' ratifika tagħha.

Bl-istess mod, fid-29 ta' Awwissu 2012 l-Unjoni Ewropea nnotifikat lir-Repubblika ta' San Marino li kienet lestiet il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Monetarju msemmi hawn fuq, iffirmat fi Brussell fis-27 ta' Marzu 2012.

Il-Ftehim Monetarju għaldaqstant daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2012 skont l-Artikolu 13 tiegħu.

---

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## SEJĦA GĦAL-PROPOSTI – EACEA/21/12

**MEDIA 2007 – Appoġġ għad-Distribuzzjoni Transnazzjonali ta' Films Ewropej – Iskema "Selettiva" 2013**

(2012/C 300/07)

**1. Obiettivi u Deskrizzjoni**

Din in-notifika għal Sejħa għall-Proposti hija bbażata fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007).

Waħda mill-miżuri li trid tiġi implimentata skont din id-Deċiżjoni hija li tkun ta' appoġġ għad-Distribuzzjoni Transnazzjonali ta' Films Ewropej.

L-għan tal-iskema "Selettiva" huwa li tinkoraġġixxi u tappoġġa d-distribuzzjoni transnazzjonali usa' ta' films Ewropej mhux nazzjonali reċenti billi tħeġġeġ lid-distributori teatrali b'mod partikolari sabiex jinvestu fi promozzjoni u distribuzzjoni adegwata ta' films Ewropej mhux domestiċi.

L-iskema għandha wkoll l-għan li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' rabtiet bejn is-settur tal-produzzjoni u dak tad-distribuzzjoni biex b'hekk tittejjeb il-pożizzjoni kompetittiva ta' films Ewropej mhux nazzjonali.

**2. Applikanti eliġibbli**

Din in-notifika hija mmirata lejn il-kumpaniji Ewropej li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-obiettivi imsemmija hawn fuq.

L-applikanti għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

- is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea
- il-pajjiżi taż-ŻEE
- L-Isvizzera Il-Kroazja
- Il-Bożnja u l-Herzegovina (skont il-kondizzjoni tal-finalizzazzjoni tal-proċess ta' negozjati u l-formalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' dan il-pajjiż fil-programm MEDIA)

**3. Attivitajiet eliġibbli**

L-azzjoni li ġejja hija eliġibbli skont din is-Sejħa għall-Proposti:

Id-distribuzzjoni teatrali (Ċinema) ta' feature film mhux nazzjonali. Il-film kien ġie prodott b'shem kbir minn produttur/produtturi stabbilit/i f'pajjiżi li jipparteċipaw fil-programm MEDIA u magħmul b'parteċipazzjoni sinifikanti minn professjonisti minn daww il-pajjiżi. Il-film għandu jkun xogħol reċenti ta' finzjoni, animazzjoni jew dokumentarju aktar minn 60 minuta twil u minn pajjiż differenti mill-pajjiż ta' distribuzzjoni. Films b'baġit ta' produzzjoni ta' aktar minn EUR 15-il miljun mhumiex eliġibbli.

Sabiex il-film ikun eliġibbli l-ewwel jeddijiet miżmuma ma jkunux iridu ġew imwaqqfa qabel l-2010.

Modulu	Dati tal-proġett	Perjodu tal-eleggibilità tal-ispejjeż
Skadenza 1 (30.11.2012)	L-ewwel xandira teatrali tal-film fit-territorju għandha ssir mhux qabel t-30.11.2012 u mhux iżjed tard mit-30.5.2014	Mit-30.5.2012 sat-30.3.2015
Skadenza 2 (1.4.2013)	L-ewwel xandira teatrali tal-film fit-territorju għandha ssir mhux qabel l-1.4.2013 u mhux iżjed tard mill-1.10.2014	Mill-1.10.2012 sal-1.8.2015
Skadenza 3 (1.7.2013)	L-ewwel xandira teatrali tal-film fit-territorju għandha ssir mhux qabel l-1.7.2013 u mhux iżjed tard mill-1.1.2015	Mill-1.1.2013 sal-1.11.2015

#### 4. Kriterji tal-Għoti

Is-sostenn għandu jingħata għad-distribuzzjoni jiġifieri P&A (stampar u reklamar) għal films Ewropej reċenti mhux nazżjonali bil-baġit ta' produzzjoni massimu ta' EUR 15-il miljun għal gruppi ta' mill-inqas ħames distributuri fil-każ ta' films li għalihom il-baġit huwa taħt il-EUR 3 miljun u mill-anqas seba' distributuri fil-każ ta' films li għalihom il-baġit huwa bejn EUR 3 miljun u EUR 15-il miljun.

Il-kriterji tal-għotja ser jirriżultaw fl-għażla ta' dawk il-Gruppi bl-ogħla punteġġ b'kont meħud ta':-

- in-numru ta' distributuri eliġibbli,
- l-ispiża tal-produzzjoni tal-film,
- l-oriġini tal-film,
- it-tip tal-film,
- il-preżenza tal-aġent/produttur tal-bejgħ bħala koordinatur u ċittadinanza tiegħu/tagħha.

#### 5. Baġit

Il-baġit totali disponibbli huwa ta' EUR 12 250 000, soġġett għad-disponibbiltà ta' fondi għas-sena finanzjarja 2013.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja ser tieħu l-forma ta' għotja. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija m'għandha qatt taqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

L-għotja massima għandha tkun EUR 150 000 għal kull film għal kull pajjiż.

L-Aġenzija żżomm id-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

#### 6. Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

L-iskadenzi biex jintbagħtu l-applikazzjonijiet huma **t-30 ta' Novembru 2012, l-1 ta' April 2013 u l-1 ta' Lulju 2013.**

L-applikazzjonijiet bil-Formoli elettroniċi għandhom jintbagħtu onlajn sal-iskadenza rilevanti qabel 12:00 CES/CEST (Nofsinhar, ħin ta' Brussell)

Il-formoli tal-applikazzjoni uffiċjali għandhom jiġu użati u ffirmati mill-persuna li tkun intitolata tidħol f'impenji vinkolanti fisem l-organizzazzjoni applikanta.

Il-pakkett tal-applikazzjoni li jinkludi l-formoli tal-applikazzjoni u l-annessi, kif spjegat fil-linji gwida, għandu jindika b'mod ċar:

#### **MEDIA 2007 — Distribution EACEA/21/12 — Selective ċinema**

u għandu jintbagħat sal-iskadenza rilevanti fl-indirizz li ġej:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency (EACEA)  
 MEDIA Programme — P8  
 BOUR 3/66  
 Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1  
 1140 Bruxelles/Brussel  
 BELGIQUE/BELGIË

Ma jiġux aċċettati applikazzjonijiet mibgħuta bil-fax jew bl-email.



**7. Id-dettalji kollha**

Il-linji gwida, flimkien mal-formoli tal-applikazzjoni u l-formoli elettroniċi, jinstabu f'dan is-sit elettroniku:

[http://ec.europa.eu/culture/media/programme/distrib/schemes/select/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/culture/media/programme/distrib/schemes/select/index_en.htm)

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fuq il-formoli forniti u għandu jkun fihom l-informazzjoni u l-annessi kollha mitluba.

---

**SEJĦA GĦALL-PROPOSTI – EACEA/31/12****MEDIA 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ****Appoġġ għall-Iżvilupp ta' proġetti ta' produzzjoni – Finzjoni (narrativa), Dokumentarji Kreattivi u Animazzjoni – Proġetti Waħdiena, Slate Funding u t-tieni fażi ta' Slate Funding**

(2012/C 300/08)

**1. Għanijiet u deskrizzjoni**

Dan l-avviż ta' Sejħa għall-Proposti huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007).

Wieħed mill-għanijiet tal-programm huwa li jippromwovi, billi jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju, l-iżvilupp ta' proġetti ta' produzzjoni maħsuba għas-swieq Ewropej u internazzjonali ppreżentati minn kumpaniji ta' produzzjoni Ewropej indipendenti fil-kategoriji li ġejjin: id-drama, id-dokumentarji kreattivi u l-animazzjoni.

**2. Applikanti eliġibbli**

Dan l-avviż huwa maħsub għal kumpaniji Ewropej li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-ksib tal-għanijiet imsemmija fuq, u b'mod partikolari għal kumpaniji ta' produzzjoni indipendenti.

L-applikanti għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

- is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea
- il-pajjiżi fiż-ŻEE, l-Iżvizzera u l-Kroazja
- Il-Bożnja u l-Herzegovina (skont il-kondizzjoni tal-finalizzazzjoni tal-proċess ta' negozjati u l-formalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' dan il-pajjiż fil-programm MEDIA)

**3. Azzjonijiet eliġibbli**

L-attivitajiet ta' żvilupp għax-xogħlijiet awdjoviżivi li ġejjin (ta' darba jew sensiela) huma eliġibbli:

- Proġetti ta' drama maħsuba għal użu kummerċjali ta' mhux inqas minn 50 minuta
- Dokumentarji kreattivi maħsuba għal użu kummerċjali ta' mhux inqas minn 25 minuta (it-tul ta' ħin għal kull episodju f'każ ta' sensiela)
- Proġetti ta' animazzjoni maħsuba għal użu kummerċjali ta' mhux inqas minn 24 minuta

L-attivitajiet ta' żvilupp u produzzjoni għall-kategoriji ta' xogħol li ġejjin huma ineliġibbli:

- irrekordjar ta' xandiriet diretti, loġhob fuq it-televiżjoni, programmi televiżivi ta' diskussjoni, programmi televiżivi tal-ħajja reali jew programmi edukattivi, ta' tagħlim u ta' taħrif;
- dokumentarji li jippromwovu t-turiżmu, "kif isir ..." ("making-of"), rapporti, rappurtaġġi dwar l-animali, programmi tal-aħbarijiet u "docu-soaps";
- proġetti li jippromwovu, direttament jew indirettament, messaġġi li ma jaqblux mal-linji politiċi tal-Unjoni Ewropea. Per eżempju, proġetti li jistgħu jmorru kontra l-interessi tas-saħħa pubblika (alkoħol, tabakk, drogi), ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà tan-nies, il-libertà tal-espressjoni eċċ.;
- proġetti li jippromwovu l-vjolenza u/jew ir-razziżmu u/jew li għandhom kontenut pornografiku;
- xogħlijiet ta' natura promozzjonali;
- produzzjonijiet istituzzjonali li jippromwovu organizzazzjoni speċifika jew l-attivitajiet tagħha.

Is-Sejħa għall-Proposti 31/12 għandha żewġ dati tal-għeluq. Sabiex tiġi inkluża fl-ewwel data tal-għeluq, l-applikazzjoni għall-appoġġ għandha tintbagħat lill-Aġenzija bejn id-data tal-pubblikazzjoni tas-Sejħa għall-Proposti u t-23 ta' Novembru 2012. Sabiex tiġi inkluża fit-tieni data tal-għeluq, l-applikazzjoni għall-appoġġ għandha tintbagħat lill-Aġenzija bejn l-24 ta' Novembru 2012 u t-12 ta' April 2013, id-data tal-għeluq tas-Sejħa għall-Proposti.

It-tul ta' żmien massimu tal-proġett huwa sat-30 ta' Ġunju 2015 għal talbiet għal appoġġ sottomessi fi żmien l-ewwel data tal-għeluq u sat-30 ta' Novembru 2015 għal dawk it-talbiet sottomessi fi żmien it-tieni data tal-għeluq jew sad-data tal-bidu tal-produzzjoni tal-proġett, skont liema waħda tkun l-aktar kmieni.

#### 4. Kriterji tal-għoti

Ser jiġu allokati l-punti minn total ta' 100 abbażi tal-weighting li ġej:

Għal Proġett Waħdieni

- Kriterji relatati mal-kumpanija applikanti (40 punt).
  - Il-kwalità tal-istrateġija tal-iżvilupp (10);
  - Il-konsistenza tal-baġit tal-iżvilupp (10);
  - Il-kwalità tal-istrateġija ta' finanzjament (10);
  - Il-kwalità tal-istrateġija tad-distribuzzjoni (10)
- Kriterji relatati mal-proġett sottomess (60 punt).
  - Il-kwalità tal-proġett (40);
  - Il-potenzjal għall-produzzjoni u l-fattibilità tal-proġett (10);
  - Il-potenzjal għad-distribuzzjoni Ewropea u Internazzjonali (10).

Għal Slate Funding u t-tieni fażi ta' Slate Funding

- Kriterji relatati mal-kumpanija applikanti (60 punt).
  - Il-kapaċità tal-kumpanija li tiżviluppa u tiproduci fuq livell Ewropew (15-il punt għal Slate Funding – 30 punt għat-tieni fażi ta' Slate Funding);
  - Il-kwalità tal-istrateġija tal-iżvilupp u l-konsistenza tal-baġit tal-iżvilupp (15-il punt għal Slate Funding – 10 punti għat-tieni fażi ta' Slate Funding);
  - Il-kwalità tal-istrateġija tal-finanzjament (15-il punt għal Slate Funding – 10 punti għat-tieni fażi ta' Slate Funding);
  - Il-kwalità tal-istrateġija tad-distribuzzjoni (15-il punt għal Slate Funding – 10 punti għat-tieni fażi ta' Slate Funding)
- Kriterji relatati mal-proġetti sottomessi (40 punt).
  - Il-kwalità tal-proġetti (10);
  - Il-potenzjal tat-tim kreattiv (10)
  - Il-potenzjal għall-produzzjoni u l-fattibilità tal-proġett (10);
  - Il-potenzjal għad-distribuzzjoni Ewropea u Internazzjonali (10).

#### 5. Baġit

Il-baġit totali disponibbli huwa ta' EUR 18,25-il miljun. Il-kontribut finanzjarju mogħti huwa sussidju.

Il-kontribut finanzjarju massimu li jista' jingħata għal Proġett Waħdieni huwa bejn EUR 10 000 u EUR 60 000 għajr għal animazzjonijiet b'tul ta' silta qasira biex jintwera fit-teatru, li l-massimu għalihom huwa ta' EUR 80 000. Il-kontribut finanzjarju mogħti fl-ebda każ m'għandu jaqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli sottomessi mill-produttur (60 % għal proġetti li juru interess fil-promozzjoni tad-diversità kulturali Ewropea).

Il-kontribut finanzjarju massimu li jista' jingħata għal Slate Funding u għat-tieni fażi ta' Slate Funding huwa bejn EUR 70 000 u EUR 190 000. Il-kontribut finanzjarju mogħti fl-ebda każ m'għandu jaqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli sottomessi mill-produttur.

L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li ma tidistribwix il-fondi kollha disponibbli.

## 6. Data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Aġenzija Eżekuttiva (EACEA) billi tintuża l-formola ta' applikazzjoni online u billi tibgħat il-pakket tal-applikazzjoni stampata mhux aktar tard mit-**23 ta' Novembru 2012 u t-12 ta' April 2013** (ara l-punt 3) fl-indirizz li ġej:

L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) – MEDIA  
BOUR 3/30  
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1  
1140 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjonijiet sottomessi fuq il-formola ta' applikazzjoni uffiċjali, iffirmati mill-persuna awtorizzata biex tidħol f'impenji li huma legalment vinkolanti fisem l-organizzazzjoni li qed tapplika biss ikunu aċċettati.

Applikazzjonijiet mibgħuta b'fax jew email mhux ser jiġu milqugħa.

## 7. Dettalji kollha

It-test sħiħ tal-linji gwida flimkien mal-formoli tal-applikazzjoni, jistgħu jiġu kkonsultati fl-indirizz elettroniku li ġej:

<http://www.ec.europa.eu/media>

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mat-termini kollha tal-linji gwida u jintbagħtu fuq il-formoli pprovduti.

---

**SEJĦA GĦALL-PROPOSTI – EACEA/32/12****MEDIA 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ****Appoġġ għall-Iżvilupp ta' xogħolijiet interattivi fuq kull pjattaforma kemm online kif ukoll offline**

(2012/C 300/09)

**1. Għanijiet u Deskrizzjoni**

Dan l-avviż ta' Sejħa għall-Proposti huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007).

Wieħed mill-għanijiet tal-programm huwa li jipromwovi, billi jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju, l-iżvilupp ta' proġetti ta' produzzjoni maħsuba għas-swieq Ewropej u internazzjonali ppreżentati minn kumpaniji ta' produzzjoni Ewropej indipendenti.

**2. Applikanti eliġibbli**

Dan l-avviż huwa maħsub għal kumpaniji Ewropej li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-ksib tal-għanijiet imsemmija fuq, u b'mod partikolari għal kumpaniji ta' produzzjoni indipendenti.

L-applikanti għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

- is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea
- il-pajjiżi fiż-ŻEE, l-Iżvizzera u l-Kroazja
- Il-Bożnja u l-Herżegovina (skont il-kondizzjoni tal-finalizzazzjoni tal-proċess ta' negozjati u l-formalizzazzjoni tal-parteciġazzjoni ta' dan il-pajjiż fil-programm MEDIA)

**3. Azzjonijiet eliġibbli**

L-attivitajiet għax-xogħlijiet interattivi li ġejjin huma eliġibbli:

Il-kunċett ta' żviluppThe concept development (sa l-ewwel applikazzjoni) ta' kontenut interattiv diġitali li jikkomplimenta proġett awdjoviżiv (drama, dokumentarju kreattiv jew animazzjoni) żviluppat speċifikament għal mill-anqas waħda mill-pjattaformi li ġejjin:

- Internet
- PC
- konsowl
- apparat li joqgħod fl-id
- televiżjoni interattiv

Dan il-kontenut diġitali għandu jippreżenta:

- interattività sostanzjali b'komponent narrattiv
- oriġinalità, kreattività u innovazzjoni kontra xogħolijiet eżistenti
- potenzjal ta' kummerċ Ewropew

It-tipi ta' proġett awdjoviżiv li ġejjin biss intiżi għall-esplojtazzjoni kummerċjali jistgħu jiġu kkomplimentati mix-xogħol interattiv sottomess:

- drama ta' mill-anqas 50 minuta (it-tul sħiħ tas-serje fil-każ ta' serje);
- dokumentarju kreattiv ta' mill-anqas 25 minuta (tul ta' kull episodju fil-każ ta' serjea);
- animazzjoni ta' mill-anqas 24 minuta (it-tul totali tas-serje fil-każ ta' serje).

L-attivitajiet li ġejjin huma ineliġibbli:

L-attivitajiet ta' żvilupp u produzzjoni għall-kategoriji ta' xogħol li ġejjin huma ineliġibbli:

- xogħlijiet ta' referenza (enċiklopediji, atlas, katalogi, *databases* ...);
- xogħlijiet li jgħallmu kif wieħed jagħmel xi ħaġa ("how-to" – programmi edukattivi, manwali ...);
- servizzi ta' strumenti u softwer;
- servizzi ta' tagħrif jew dawk li huma speċifikament tranżattivi;
- programmi u rivisti ta' tagħrif;
- proġetti li jippromwovu t-turiżmu;
- proġetti ta' arti bl-użu ta' *multimedia*;
- websajts li huma jew ġew maħluqa speċifikament għal pjattaformi soċjali, networking soċjali, *internet forums*, *blogs* jew attivitajiet simili;
- proġetti li jippromwovu, direttament jew indirettament, messaġġi li ma jaqblux mal-linji politiċi tal-Unjoni Ewropea. Per eżempju, proġetti li jistgħu jmorru kontra l-interessi tas-saħħa pubblika (alkoħol, tabakk, drogi), ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà tan-nies, il-libertà tal-espressjoni eċċ. huma projbiti;
- proġetti li jippromwovu l-vjolenza u/jew ir-razziżmu u/jew li għandhom kontenut pornografiku;
- xogħlijiet ta' natura promozzjonali (partikolarment kontenut b'ditta);
- produzzjonijiet istituzzjonali li jippromwovu organizzazzjoni speċifika jew l-attivitajiet tagħha.

Is-Sejħa għall-Proposti 32/12 għandha żewġ dati tal-għeluq. Sabiex tiġi inkluża fl-ewwel data tal-għeluq, l-applikazzjoni għall-appoġġ għandha tintbagħat lill-Aġenzija bejn id-data tal-pubblikazzjoni tas-Sejħa għall-Proposti u s-23 ta' Novembru 2012. Sabiex tiġi inkluża fit-tieni data tal-għeluq, l-applikazzjoni għall-appoġġ għandha tintbagħat lill-Aġenzija bejn it-24 ta' Novembru 2012 u s-12 ta' April 2013, id-data tal-għeluq tas-Sejħa għall-Proposti.

It-tul ta' żmien massimu tal-proġett huwa sat-30 ta' Ġunju 2015 għal talbiet għal appoġġ sottomessi fi żmien l-ewwel data tal-għeluq u sat-30 ta' Novembru 2015 għal dawk it-talbiet sottomessi fi żmien it-tieni data tal-għeluq jew sad-data tal-bidu tal-produzzjoni tal-proġett, skont liema waħda tkun l-aktar kmieni.

#### 4. Il-Kriterji ta' l-għoti

Ser jiġu allokat i-punti minn total ta' 100 abbażi tal-*weighting* li ġej:

- Kriterji relatati mal-kumpanija applikanti (40 punt).
  - Il-kwalità tal-istrateġija tal-iżvilupp (10);
  - Il-konsistenza tal-baġit tal-iżvilupp (10);
  - Il-kapaċità tal-kumpanija biex tirnexxi fil-proġett (10);
  - Il-kwalità tal-istrateġija ta' finanzjament (10)
- Kriterji relatati mal-proġett sottomess (60 punt).
  - Il-kwalità tal-kontenut u l-oriġinalità tal-kunċett mqabbla ma' xogħlijiet eżistenti (20);
  - Innovazzjoni, kemm huma xierqa t-tekniki wżati fix-xogħol u l-kwalità tal-interattività (20);
  - Potenzjal għall-esplojtazzjoni Ewropea u kemm ikun xieraq għall-udjenza fil-mira (20).

## 5. Baġit

Il-baġit totali disponibbli huwa EUR 2,5 miljun. Il-kontribut finanzjarju jingħata bħala sussidju.

Il-kontribut finanzjarju massimu li jista' jingħata huwa bejn EUR 10 000 u EUR 150 000.

Il-kontribut finanzjarju mogħti fl-ebda każ mgħandu jaqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli sottomessi mill-produttur (60 % għal proġetti li juru interess fil-promozzjoni tad-diversità kulturali Ewropea).

L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li ma tiddistribwix il-fondi kollha disponibbli.

## 6. Data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Aġenzija Eżekuttiva (EACEA) billi tintuża l-formola ta' applikazzjoni online u billi tibgħat il-pakkiet tal-applikazzjoni stampata mhux aktar tard minn **23 ta' Novembru 2012 u 12 ta' April 2013** (ara l-punt 3) fl-indirizz li ġej:

L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) – MEDIA  
BOUR 3/30  
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1  
1140 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjonijiet sottomessi fuq il-formola ta' applikazzjoni uffiċjali, iffirmati mill-persuna awtorizzata biex tidħol f'impenji li huma legalment vinkolanti f'isem l-organizzazzjoni li qed tapplika biss ikunu aċċettati.

Applikazzjonijiet mibgħuta b'fax jew email mhux ser jiġu milqugħa.

## 7. Dettalji kollha

It-test sħiħ tal-linji gwida flimkien mal-formoli tal-applikazzjoni, jistgħu jiġu kkonsultati fl-indirizz elettroniku li ġej:

<http://ec.europa.eu/media>

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mat-termini kollha tal-linji gwida u jintbagħtu fuq il-formoli pprovduti.

---

**SEJĦA GĦAL-PROPOSTI – EACEA/33/12****MEDIA 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ  
Appoġġ għax-xandir televiżiv tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej  
(2012/C 300/10)****1. Miri u Deskrizzjoni**

Dan l-avviż għal sejħa għal proposti huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropej (MEDIA 2007).

Waħda mill-miri tal-programm hija l-promozzjoni tax-xandir transnazzjonali ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej prodotti minn kumpaniji ta' produzzjoni indipendenti billi titħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn ix-xandara min-naħa u l-produtturi u d-distributuri indipendenti min-naħa l-oħra.

**2. Applikanti Eliġibbli**

Dan l-avviż huwa indirizzat lil kumpaniji Ewropej li permezz tal-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri msemmija hawn fuq, u b'mod partikolari għal kumpaniji indipendenti li jaħdmu produzzjonijiet televiżivi.

L-applikanti jridu jkunu stabbiliti f'wieħed minn dawn il-pajjiżi:

- is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea
- il-pajjiżi fiż-ŻEE, l-Iżvizzera u l-Kroazja
- Il-Bożnja u l-Herżegovina (skont il-kondizzjoni tal-finalizzazzjoni tal-proċess ta' negozjati u l-formalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' dan il-pajjiż fil-programm MEDIA)

**3. Azzjonijiet Eliġibbli**

Ix-xogħol awdjoviżiv propost għandu jkun produzzjoni televiżiva Ewropea indipendenti (stejjer ivvintati (*fiction*), animazzjoni jew dokumentarju kreattiv) li tinvolvi l-parteċipazzjoni ta' mill-anqas tliet kumpaniji tax-xandir minn diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jew minn pajjiżi li qegħdin jipparteċipaw fil-Programm Media 2007.

L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa mhux aktar tard mill-ewwel jum tal-fotografija prinċipali.

It-tul massimu tal-proġetti huwa ta' 30 jew 42 xahar (fil-każ ta' sensiela).

**4. Kriterji għall-aġġudikazzjoni**

Il-punti sejrni jiġu allokati minn total ta' 100 fuq il-bażi li ġejja; l-aspetti meqjusin huma msemmija taħt kull kriterju:

- Id-dimensjoni Ewropea u l-finanzjament tax-xogħol (45 punt).
  - il-pajjiż tal-orijini tal-kumpanija kandidata;
  - in-numru ta' xandara involuti fix-xogħol;
  - il-parteċipazzjoni finanzjarja tax-xandara;
  - il-livell ta' finanzjament mhux nazzjonali.
- L-involvement tad-distributur internazzjonali (10 punti).
  - numru u *track record* tad-distributuri involuti fix-xogħol;
  - l-ammont ta' involvement tad-distributur;
  - l-eżistenza ta' fergħa ta' distribuzzjoni fil-kumpanija ta' produzzjoni kandidata.



- Interest Internazzjonali u kwalità tax-xogħol (25 punt).
  - il-kwalità tax-xogħol;
  - il-potenzjal li jinbiegħ fuq livell internazzjonali;
  - l-istrateġija tal-*marketing* internazzjonali.
- Il-valorizzazzjoni tad-diversità lingwistika u kulturali Ewropea (7 punti).
  - in-numru ta' żoni lingwistiċi koperti;
  - il-promozzjoni tad-diversità kulturali Ewropea.
- Il-valorizzazzjoni tal-patrimonju awdjoviżiv Ewropew (3 punti).
  - eżami tal-materjal ta' arkivju użat.
- Il-bejgħ internazzjonali preċedenti (10 punti)
  - bejgħ fuq livell internazzjonali li sar fl-aħħar 5 snin mill-kumpanija/produttur kandidat(a).

#### 5. Baġit

Il-baġit totali disponibbli jammonta għal EUR 10,8 miljun.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja hija f'forma ta' sussidju. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tammonta għal EUR 500 000 għal kull proġett ta' *fiction* u ta' animazzjoni u EUR 300 000 għal kull dokumentarju. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija qatt ma tista' taqbeż 12,5 % tal-ispejjeż eliġibbli ppreżentati mill-produttur għal *fictions* jew animazzjoni u 20 % tal-ispejjeż eliġibbli għad-dokumentarji.

#### 6. Skadenza

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-Aġenzija Eżekuttiva (EACEA) sa mhux aktar tard mill-**10 ta' Diċembru 2012** jew it-**3 ta' Ġunju 2013** fl-indirizz li ġej:

L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA)  
Unit MEDIA  
BOUR 3/30  
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1  
1140 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

Se jkunu aċċettati esklussivament l-applikazzjonijiet ippreżentati fuq il-formula ta' applikazzjoni uffiċjali, iffirmata kif xieraq mill-persuna awtorizzata li tirrappreżenta legalment l-organizzazzjoni kandidata flimkien mal-informazzjoni u l-annessi kollha meħtieġa speċifikati fit-test sħiħ tas-sejħa.

L-applikazzjonijiet mibgħuta bil-feks jew permezz tal-posta elettronika mhumiex se jkunu aċċettati.

#### 7. Dettalji sħaħ

It-test sħiħ tal-linji gwida, flimkien mal-formoli tal-applikazzjoni, huma disponibbli mill-indirizz elettroniku li ġej:

[http://ec.europa.eu/culture/media/programme/producer/tv/detail/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/culture/media/programme/producer/tv/detail/index_en.htm)

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mat-termini tal-linji gwida u għandhom jiġu ppreżentati fuq il-formoli pprovduti.

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6710 – CD&R/Wilsonart)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 300/11)

1. Fil-25 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża CD&R Wimbledon Holdings III, L.P. (il-Gżejjer Kajman), li tappartjeni lill-Grupp Clayton, Dubilier & Rice ("CD&R", l-Istati Uniti tal-Amerika), takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża Wilsonart International Holdings LLC ("Wilsonart", l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal CD&R: grupp ta' investment ta' ekwità privata,

— għal Wilsonart: manifattur vertikament integrata ta' materjal ta' kisi dekorattiv u pannelli bikompositi għall-għamara domestika, għal spazji tal-uffiċċji u ħwienet bl-imnut, għall-uċuh tal-kċejjen, għall-art, għall-kisi ta' barra u applikazzjonijiet oħra. Fiż-ŻEE, hija primarjament attiva permezz tas-sussidjarji tagħha Polyrey (Franza), Resopal (il-Ġermanja) u Wilsonart UK (Ir-Renju Unit).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jstgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jstgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6710 – CD&R/Wilsonart, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.6665 – Sun Capital/Rexam Personal and Home Care Packaging Business)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 300/12)

1. Fis-27 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha ċerti entitajiet li jinkludu Rexam Personal u Home Care Packaging Business ("Rexam PC", ir-Renju Unit) se jkunu akkwistati, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, minn kumpanija holding ikkontrollata minn Sun Capital Partners Fund V, L.P ("Sun Capital", l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
  - għal Sun Capital: fond ta' investiment privat li jikkontrolla portafoll ta' kumpaniji, li waħda minnhom hija Albéa, manifattur ta' ppakkjar tal-kosmetiċi u tal-kura personali,
  - għal Rexam PC: il-manifattura ta' soluzzjonijiet ta' ppakkjar fis-setturi tal-kosmetiċi, fwejjaħ, il-kura personali u l-kura tad-dar.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6665 – Sun Capital/Rexam Personal and Home Care Packaging Business, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.6706 – SK Innovation CO/Continental AG)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
(2012/C 300/13)

1. Fis-26 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha SK Innovation Co. Ltd., ("SK", ir-Repubblika tal-Korea) u Continental AG, ("Continental", il-Ġermanja) jakkwistaw, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta maħluqa reċentement b'funzjonalità sħiħa bl-isem ta' SK Continental E-Motion Pte. Ltd. ("Continental E-Motion", Singapor) permezz ta' xiri tal-ishma.

2. L-attivitàjiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal SK: l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' żejt mhux maħdum u l-iżvilupp u l-manifattura ta' materjali għal prodotti elettroniċi u batteriji,
- għal Continental: fornitur tal-industrija tal-karozzi inklużi s-sistemi tal-ibbrejtkjar, is-sensors, l-istrumenti u t-tajers,
- għal Continental E-Motion: l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' sistemi tal-batteriji Li-ion għal vetturi ibridi u elettriċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6706 – SK Innovation CO/Continental AG, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

## ATTI OĦRAJN

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2012/C 300/14)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 <sup>(1)</sup>. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

"GARBANZO DE ESCACENA"

Nru tal-KE: ES-PGI-0005-0945-01.02.2012

IĠP ( X ) DPO ( )

1. **Isem:**

"Garbanzo de Escacena"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz:**

Spanja.

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**3.1. *Tip ta' prodott:*

Klassi 1.6: Frott, ħxejjex u ċereali friski jew ipproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1:*

Il-prodott kopert mill-indikazzjoni ġeografika protetta "Garbanzo de Escacena" huwa l-frotta tal-ispeċi ta' ħxejjex *Cicer arietinum L.*, tal-ekotip lokali *Campo de Tejada*, u tal-varjetajiet li huma rreġistrati jew li jistgħu jiġu rreġistrati bħala t-tip kummerċjali *Lechoso*.

Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, il-protezzjoni ser tkopri biss iċ-ċiċri kklassifikati fil-kategorija "Extra", li ser jitqiegħdu fis-suq ippakkjati bħala legumi xotti.

Iċ-ċiċri fil-kategorija "Extra" huma ta' kwalità għolja, u ż-żerriegħa tagħhom għandha għamla, dehra, żvilupp u lewn tipiċi ta' dan it-tip kummerċjali. Dawn iċ-ċiċri ma għandhomx difetti, ħlief għal bidliet superfiċjali żgħar ħafna, kemm-il darba dawn ma jikkompromettux id-dehra u l-kwalità jew il-preżen-tazzjoni ġenerali tagħhom fl-ippakkjar.

Karatteristiċi fiżiċi u morfoloġiċi:

(a) Il-lewn taċ-ċiċri huwa isfar fl-abjad u pallidu ħafna.

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

- (b) Iż-żerriegħa hija twila u ċatta mal-ġnub fl-għamla, b'irregolaritajiet fil-wiċċ bħal xquq u nefħiet.
- (c) Mhux aktar minn 2 % taċ-ċiċri li ma jaqblux mal-karatteristiċi stabbiliti f'(a) u (b) hawn fuq jistgħu jiġu aċċettati, kemm-il darba dawn ma jikkompromettux id-dehra ġenerali.
- (d) Id-daqs minimu huwa ta' 8 mm, u ma jistax ikun hemm aktar minn 4 % taċ-ċiċri li jkollhom dijametru iżgħar.
- (e) Il-piż ta' 1 000 ċicra għandu jkun minimu ta' 490 g.

Karatteristiċi organolettiċi:

- (a) Albumina kremuża u ma titfarrakx.
- (b) Hliefra ratba u fina li teħel maż-żerriegħa.
- (c) Palat eċċellenti.
- (d) It-togħma hija dejjem pjaċevoli u mingħajr togħmiet strambi.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss):*

Mhux applikabbli.

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-animalli biss):*

Mhux applikabbli.

3.5. *Stadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom isiru fiż-żona ġeografika ddefinita:*

Fid-dawl tar-relazzjoni diretta bejn il-kwalità tal-prodott finali u l-ekotip użat, il-klima u l-ħamrija taż-żona tal-produzzjoni, l-uniku stadju speċifiku fil-produzzjoni li għandu jitwettaq fiż-żona ġeografika huwa t-tkabbir taċ-ċiċri fl-għelieqi.

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.:*

L-industriji li jippakkjaw il-prodott protett għandhom iwettqu l-passi li jidhru hawn taħt, fl-ordni li ġejja:

- Il-kwalità taċ-ċiċri tiġi ċċekkjata hekk kif jaslu biex ikun assigurat li kull lott ikun ta' kwalità uniformi.
- Iċ-ċiċri jitnaddfu u jitneħħew l-impuritajiet permezz ta' tgħarbil magħluq bi fluss tal-arja.
- Matul l-ewwel 30 jum wara l-ħsad, iċ-ċiċri jiġu ttrattati kontra l-ħanfus tal-fażola mnixxa, sakemm dan ma jkunx diġà sar fl-imħażen.
- Tgħarbil u kejl tad-daqs bl-użu ta' passatur bit-toqob tondi.
- Titneħħa ż-żerriegħa li jkollha xi difett, bl-użu ta' tabella densimetrika.
- Iċ-ċiċri jiġu ppakkjati f'reċipjenti ta' mhux aktar minn 5 kg.
- Issir verifika finali tal-kwalità tal-imballaġġ u l-prodott.
- Jitwaħħlu t-tikketti li jinħarġu mill-Bord Regulatorju.

Iċ-ċiċri mnixxa jitqiegħdu fis-suq għal perjodu ta' mhux aktar minn sentejn u nofs mill-ħsad tagħhom.

Iċ-ċiċri bl-indikazzjoni ġeografika protetta ma jistgħux jitqiegħdu għall-bejgħ bl-ingrossa.

3.7. *Regoli speċifiċi li jikkonċernaw it-tikkettar:*

Huwa obbligatorju li fuq il-marki kummerċjali individwali ta' kull impriża tidher l-indikazzjoni ġeografika protetta "Garbanzo de Escacena", flimkien mal-logo tal-IĠP hawn taħt:



Fuq l-imballaġġ għandu jidher is-siġill tal-garanzija bin-numru, maħruġ mill-Korp Regolatorju.

#### 4. Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika:

Iż-żona tal-produzzjoni tal-prodotti koperti mill-indikazzjoni ġeografika protetta “Garbanzo de Escacena” tikkonsisti mill-muniċipalitajiet ta’ Escacena del Campo, Paterna del Campo, Manzanilla, Villalba del Alcor, La Palma del Condado u Villarrasa (kollha jinsabu fil-provinċja ta’ Huelva), u Castilleja del Campo, Aznalcóllar, Sanlúcar la Mayor, Albaida del Aljarafe u Olivares (fil-provinċja ta’ Sevilla).

#### 5. Rabta maż-żona ġeografika:

##### 5.1. Speċifità taż-żona ġeografika:

Iż-żona tal-produzzjoni tal-prodotti koperti mill-indikazzjoni ġeografika protetta “Garbanzo de Escacena” tinsab fir-reġjun storiku antik magħruf bħala El Campo de Tejada. Din iż-żona ta’ raba’ ċatt tokkupa d-depressjoni tal-wied tax-xmara ta’ Guadalquivir, bil-fruntieri naturali tagħha mħażża mill-muntanji Morena fit-Tramuntanta u l-awtostrada Sevilla-Huelva CN-431 fin-Nofsinhar.

Il-“Garbanzo de Escacena” jitkabbar biss f’żoni b’ħamrija tat-tip Vertisol topomorfik magħrufa bħala *tierras negras* “artijiet suwed” jew *barros* “art bit-tajn” f’Huelva u *tierras de bujeo* “artijiet imtajna” f’Sevilla.

Dawn huma tipi ta’ ħamrija fondi b’kontenut għoli ta’ tafal (l-aktar il-montmorillonite) li, minħabba l-artijiet relattivament watja, ma jissaffewx tajjeb mill-ilma, iżommu livelli għolja ta’ umdità, u huma rikki ħafna fil-bażi, b’livell baxx ta’ nitroġenu u fosfru u livell għoli ta’ potassju.

Fir-rigward tal-klima, fattur speċifiku minnhom, minħabba l-prossimità mal-kosta u l-park nazzjonali ta’ Coto de Doñana, huwa ż-żiffa mil-Lbiċ preżenti matul il-biċċa l-kbira mis-sajf.

Din iż-żiffa tal-baħar, li tonfoħ miż-żerniq sal-għabex, tikkawża żieda ta’ 10 %-15 % fl-umdità relattiva tal-arja.

##### 5.2. Speċifità tal-prodott:

Il-“Garbanzo de Escacena” huwa speċifiku fih innifsu minħabba li huwa l-frotta tal-ispeċi ta’ ħxejjex *Cicer arietinum L.* tal-varjetà kummerċjali *Lechoso*, li adattat ruħha għall-ambjent ġeografiku li fih titkabbar tradizzjonalment, u b’hekk żviluppa l-ekotip lokali protett minn din l-IĠP.

Il-kwalitajiet speċifiċi tal-“Garbanzo de Escacena” huma albumina kremuża u ma titfarrakx u ħliefa ratba u fina li teħel maż-żerriegħa.

Speċifità oħra ta’ dawn iċ-ċiċri hija d-daqs minimu tagħhom, ta’ 8 mm.

##### 5.3. Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra speċifiċi tal-prodott (għal IĠP):

Ir-rabta bejn iċ-ċiċri u ż-żona ġeografika hija msejsa fuq ir-reputazzjoni, il-qofol tal-kwalità għolja tal-ekotip taż-żona u t-tradizzjoni twila tal-biedja f’din iż-żona. Dan ifisser li l-bdiewa lokali għandhom għarfien perfett tal-aqwa tekniki u dwar kif jagħżlu l-aktar artijiet xierqa.

### 1. Rabta mal-ambjent ġeografiku tal-“Garbanzo de Escacena”

Il-kwalità taċ-ċiċri ma tistax tinkiseb 'il barra miż-żona minħabba li hija dipendenti mit-tip ta' ħamrija, il-lok ġeografiku, il-klima u l-ekotip lokali ta' dawn il-legumi. Il-kombinazzjoni ta' tipi ta' ħamrija rikki fil-potassju, il-klima tar-raba' fil-wied ta' Guadalquivir, imtaffija wara nofsinhar u filghaxxiet miż-żiffa tal-baħar fir-rebbiegħa u s-sajf, flimkien mal-kwalità intrinsika mill-aktar importanti tal-ekotip lokali tal-varjetajiet irreġistrati bit-tip kummerċjali *Lechoso* iwasslu għal prodott li l-karatteristiċi fiżiċi tiegħu huma ddefiniti fit-taqsimha 3.2. Il-prodott għandu karatteristiċi organolettiċi eċċezzjonali, bħal albumina fina u kremuża ħafna, u l-fatt li ma jiffurmax nefħiet tal-lamtu wara t-tisjir, għal żewġ raġunijiet:

— minħabba li l-mikroklima fiż-żona tinsab qrib il-baħar, f'ċerti ljieli jkun hemm umdità għolja;

— il-ħamrija rikka fil-potassju li fiha jinżera' l-prodott.

### 2. Il-popolarità u r-reputazzjoni tal-“Garbanzo de Escacena”

Fl-1996, il-Ministeru għall-Agricoltura, is-Sajd u l-Ikel ippubblika “Inventario Español de Productos Tradicionales” (Inventarju Spanjol tal-Prodotti Tradizzjonali) bħala parti mill-proġett *Euroterroirs*, iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, u mmirat biex jesponi l-wirt Ewropew tal-ikel u l-agrikoltura. Kif tgħid id-daħla għall-inventarju:

“L-għan ta' dan l-inventarju huwa li jelenka l-metodi u t-tekniki ta' produzzjoni speċifiċi li, f'post jew ambjent partikolari, kemm jekk f'żona rurali u kemm jekk f'żona urbana tat-territorju Spanjol, il-aqgħu flimkien it-tradizzjoni, il-metodi, u t-tekniki tal-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ...”

Il-paġna 428 ta' dan l-inventarju tagħmel referenza għall-“Garbanzo de Escacena”, u tiddekriviha bħala ċicra li tingħaraf mid-daqs kbir, mil-lewn safrani pallidu, u mix-xquq fondi tagħha.

Fis-70ijiet u t-80ijiet, il-produzzjoni tal-“Garbanzo de Escacena” bdiet sejra lura, fost fatturi oħra minħabba li l-prodott ma kienx qed jiġi rreklammat kif suppost. Iċ-ċiċri kienu jinbiegħu biss bl-ingrossa.

Is-settur iddeċieda li jwettaq “Konċentrazzjoni tal-provvista bl-orijini, u l-ħolqien ta' marki ta' kwalità li huma importanti ħafna għall-ekonomija tal-Andalusija”, kif stabbilit fit-titlu tal-artiklu minn Angel Gómez ippubblikat fid-*Diario de Economía de ABC* tat-28 ta' Mejju 1991.

Fl-1981, il-marka kummerċjali “Escacena” ġiet irreġistrata għaċ-ċiċri minn Juan Bautista Bernal Escobar, u fl-10 ta' Novembru 1984, il-Kooperattiva Campo de Tejada akkwistat din il-marka kummerċjali, u rreklammat iċ-ċiċri taż-żona bil-marka “Campo de Tejada”. Dan il-fatt jista' jikkonfermah l-għadd kbir ta' fatturi ta' bejgħ taċ-ċiċri ta' diversi konsumaturi tal-Kooperattiva mill-1985.

Id-*Diario ABC de Sevilla* (28 ta' Mejju 1991, p. 66) ippubblika artiklu ta' Angel Gómez li saħaq fuq il-kwalità tal-prodott u r-reputazzjoni li għandu f'kanali ta' distribuzzjoni “... il-Kooperattiva Campo de Tejada, mexxejja fil-produzzjoni taċ-ċiċri ...”

“... Il-produzzjoni dejjem tinbiegħ bi prezzijiet tajba, u mhix preżenti biss fid-distribuzzjoni kummerċjali lokali iżda wkoll fil-katini nazzjonali ewlenin, u niċeċ speċjalizzati ta' kwalità għolja, bħall-Club Vino Selección, li għalihom iċ-ċiċri taż-żona huma inklużi fi prodotti ta' kwalità eċċellenti offruti fil-ħwienet tal-ikel lussużi.”

Il-“Garbanzo de Escacena” tissemma wkoll f'pubblikazzjonijiet sussegwenti bħal “Catalogación y caracterización de los productos típicos agroalimentarios de Andalucía”, (Katalgu u Karatterizzazzjoni tal-ikel u l-Agricoltura Tipika tal-Andalusija), Fundación Unicaja, 1996 ta' Ana Cristina Gómez Muñoz, Manuel Santos Murillo u Pedro Caldentey Albert. Fit-taqsimha dwar il-legumi (p. 666-667) hemm artiklu ta' ħames paġni dwar il-“Garbanzo de Escacena”, li janalizza l-kompożizzjoni, iż-żona ġeografika, ir-reġistri storiċi, il-karatteristiċi distintivi, it-tekniki ta' produzzjoni, l-iżvilupp u n-negozjanti kummerċjali ewlenin.

Il-paġna gastronomika tal-websajt *Ruta del Vino de Condado de Huelva* tippreżenta l-“Garbanzos de Escacena” lill-viżitaturi u lit-turisti bħala platt tipiku ta' min iduqu. “L-ispraġ; il-klamar; il-hall, il-frak tal-ħobż moqli u s-sopop taċ-ċiċri ta' Escacena huma għażla tajba bħala starter.”



Fit-2 ta' Frar 2009, il-websajt vinosdeandalucia.com, permezz ta' artiklu ta' José F. Ferrer, irreklatat avveniment li jippromwovi l-laħam tal-majjal fir-ristorant Alcuza de Sevilla, u li sar mid-9 sal-14 ta' Frar 2009.

“Stuffat tas-sider tal-majjal tal-Iberja b'ċiċri ta' Escacena, perzjut imqatta' u zalzett imħawwar u ppreżervat tajjeb.”

It-taqsima dwar il-gastronomija tal-websajt playasdehuelva.com tişhaq fuq ir-reputazzjoni tal-“Garbanzos de Escacena”.

“Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-dieta Mediterranja, nirreferu għall-ħxejjex, li minnhom iċ-ċiċri għandhom rwol partikolarment importanti (ta' min isemmi l-marka Escacena del Campo), l-ingredjent ewlieni ta' diversi stuffati tal-Andalusija u ċiċri bl-ispinaċi.”

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott huwa disponibbli fuq:

[http://www.juntadeandalucia.es/agriculturaypesca/portal/export/sites/default/comun/galerias/galeriaDescargas/cap/industrias-agroalimentarias/denominacion-de-origen/Pliegos/Pliego\\_garbanzo\\_escacena.pdf](http://www.juntadeandalucia.es/agriculturaypesca/portal/export/sites/default/comun/galerias/galeriaDescargas/cap/industrias-agroalimentarias/denominacion-de-origen/Pliegos/Pliego_garbanzo_escacena.pdf)

jew inkella fuq il-paġna ewlenija tas-sit elettroniku tal-Kunsill Reġjonali tal-Agricoltura u s-Sajd (<http://www.juntadeandalucia.es/agriculturaypesca/portal>), billi wieħed jidħol kif ġej: “Industrias Agroalimentarias”/“Calidad y Promoción”/“Denominaciones de Calidad”/“Otros Productos”, l-ispeċifikazzjonijiet jinsabu taħt l-isem tad-Denominazzjoni tal-Kwalità.

---



2012/C 300/13

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6706 – SK Innovation CO/Continental AG) –  
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata <sup>(1)</sup> ..... 18

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 300/14

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006  
dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agri-  
koli u l-oġġetti tal-ikel ..... 19



---

<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

